**FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur: Dr. Marouska Debono LL.D; M.A. in Law**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 24 ta' Ġunju, 2025**

**Talba Nru: 24/2025MD**

**Paul Attard (KI nru 353161M)**

**Vs**

**Tania Borg (KI nru 389282M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż fl-ismijiet premessi ppreżentat fit-30 ta' Jannar, 2025[1] permezz ta' liema l-attur talab li l-konvenuta tiġi kkundannata sabiex tħallas is-somma globali ta' tlett'elef, mija u ħamsin Ewro (€3,150) rappreżentanti in kwantu għal tlett'elef Ewro (€3000) self skont skrittura ffirmata bejn il-partijiet u in kwantu għall-mija u ħamsin Ewro (€150) rappreżentanti laħam mixtri mill-konvenuta mingħand l-attur; bl-ispejjeż u bl-imgħax.

Ra l-atti kollha tal-kawża.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenuta ġiet debitament notifikata bl-Avviż, ma kkontestatx il-kawża fit-terminu preskritt mil-Liġi u lanqas ma dehret għas-seduti tat-23 ta' Mejju, 2025[2] u tal-5 ta' Ġunju, 2025[3].

[1] A fol 1 et seq tal-proċess
[2] A fol 11 tal-proċess
[3] A fol 13 tal-proċess

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mir-rappreżentant legali tal-attur fis-seduta tat-23 ta' Mejju, 2025[4] u fil-fatt il-konvenuta ma dehritx sabiex tirrispondi għalih għas-seduta tal-5 ta' Ġunju, 2025[5].

Ra l-affidavit ta' **Paul Attard**[6] li permezz tiegħu ddikjara li hu kien ilu jaf lil konvenuta għal ċirka ħames (5) xhur peress li kienu kollegi. Hu jaħdem Ambjent Malta bħala *Principal Technical Officer* responsabbli għall-ħaddiema u l-post tax-xogħol u bħalissa qiegħed fin-*nursery* ta' Ta' Qali. Meta sar jaf lil Tania Borg kien stazzjonat Xrob l-Għaġin fiż-żmien meta l-konvenuta kienet taħdem in-Nature Trust u kienet taħdem fuq bażi *part-time*. Fil-konversazzjonijiet tagħhom dejjem dehret bħala persuna affidabbli. Ftit taż-żmien wara li ġie trasferit għal ta' Qali, kienet ċemplitlu sabiex tistaqsih jekk kienx jaf lil xi persuna mis-Siġġiewi li kien isellef il-flus, fejn kien qalilha li ma kienx jafu. Kienet staqsietu jekk setgħax isellifha l-flus għaliex kienet ser tispiċċa titlef id-dar minħabba li kellha sekwestru, liema flus ridiethom kontanti. Mar il-Bank, ġibed il-flus u ftit wara l-konvenuta marret ma ħabiba tagħha r-razzett tiegħu li għandu bi qbiela ġewwa s-Siġġiewi fejn kiteb skrittura sempliċi datata l-istess ġurnata, it-30 ta' Jannar, 2024 li ġiet ffirmata mit-tnejn li huma[7]. F'din l-iskrittura hemm imniżżel l-ammont misluf ta' tlett'elef Ewro (€3,000) fejn il-konvenuta obbligat ruħha li tħallashom mitt Ewro (€100) fix-xahar bil-kundizzjonijiet l-oħra li qablu fuqhom u li jirriżultaw mill-iskrittura. Minn dan l-ammont il-konvenuta lanqas tatu pagament wieħed, kif ukoll ħadet mija u ħamsin (€150) prodotti tal-laħam konsistenti f'tiġieġ u fniek mir-razzett tiegħu. Ikkuntattja lill-konvenuta diversi drabi, kemm fuq *whatsapp* u kemm fuq it-telefon ċellulari fejn dejjem assiguratu li kienet ser tħallsu hekk kif taqbad il-paga, iżda qatt ma ħallset xejn.

Sema lill-istess **Paul Attard** fis-seduta tat-23 ta' Mejju, 2025[8] fejn kkonferma li s-somma ta' tlett'elef, mija u ħamsin Ewro (€3,150) għadha dovuta. Ikkonferma li l-iskrittura li tinsab *a fol* 1A tal-proċess saret bejnu u bejn il-konvenuta. Huwa ddikjara li jbiegħ il-fniek u t-tiġieġ u li minbarra s-self li jirriżulta mill-iskrittura hija ħadet ukoll b'mija u ħamsin Ewro (€150) prodotti tal-laħam.

Ra li fis-seduta tal-5 ta' Ġunju, 2025[9], it-Tribunal ikkonċeda ġimgħa żmien lill-konvenuta sabiex tippreżenta s-sottomissjonijiet tagħha, madanakollu tali sottomissjonijiet ma ġewx preżentati;

Ra li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ħa konjizzjoni taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

Illi n-nota tal-mistoqsijiet tistħoqq li tkun emmnuta u għalhekk għandha tittieħed bħala mistqarra. Ulterjorment it-talba tirriżulta kkonfermata wkoll mix-xhieda ta' Paul Attard u d-dokument ppreżentat minnu.

---

[4] A fol 11 tal-proċess
[5] A fol 12 tal-proċess
[6] A fol 7 et seq tal-proċess
[7] A fol 1A tal-proċess
[8] A fol 11 tal-proċess
[9] A fol 13 tal-proċess

Għaldaqstant, it-Tribunal qiegħed jaqta' u jiddeċiedi dan il-każ billi jilqa' t-talbiet attrici billi jordna lil konvenuta tħallas is-somma globali ta' tlett'elef, mija u ħamsin Ewro (€3,150) rappreżentanti in kwantu għal tlett'elef Ewro (€3000) self skont skrittura ffirmata bejn il-partijiet u in kwantu għal-mija u ħamsin Ewro (€150) rappreżentanti laħam mixtri mill-konvenuta mingħand l-attur bl-imgħax dekorribbli mit-28 ta' Frar, 2024[10] sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu unikament mil-konvenuta.

**Dr. Marouska Debono**

**Ġudikatur**

[10] Data skont l-iskrittura anness a fol 1A tal-proċess